**28 ta' Frar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Paul Bugeja

*versus*

George Portelli

## Azzjonijiet fuq il-Filjazzjoni Naturali

*Il-Kodiċi Ċivili taghna jikkontempla tliet xorta ta' azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali: dik ta' denegata maternità, dik ta' impunjazzjoni tal-legittimità tat-tifel u dik tat-tfittxija ta' paternità.*

*L-ewwel azzjoni hija moghtija biss lir-ragel ta' omm it-tifel filwaqt li t-tieni azzjoni hi disponibbli ghal kull minghandu nteress; it-tielet azzjoni msemmija hija moghtija biss lit-tifel.*

*Una volta l-missier ghażel it-triq li ma jiddiskonoxxix it-tarbija, l-ligi ma tippermettix li dan l-istat ta' legittimità jitpogga fid-dubbju.*

Il-Qorti:-

Il-konvenut qed jappella minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-10 ta' Jannar, 1994:

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut kellu relazzjoni ma' martu u mill-istess relazzjoni twieldet it-tarbija Jolanthe, li hu sar jaf minn xi żmien 'l hawn bil-fatti rilevanti u kien proprju wara li għamel eżami relattiv tad-DNA li kien hemm l-esklużjoni posittiva tal-paternità tiegħu ta' l-imsemmija minuri, illi l-attur minħabba l-aġir illegali u rresponsabbli tal-konvenut ġie mqiegħed fl-obbligu li jmantni lill-istess minuri, illi kif jiġi ppruvat il-konvenut għandu r-responsabbilità għall-fatt li ta u qed jagħti lok għall-ispejjeż iżjed li l-attur qed jinkorri fit-trobbija tal-minuri u b'hekk għabba lill-attur b'responsabbilitajiet ta' manteniment u kura minħabba l-aġir illegali tiegħu; talab li din il-Qorti:

Tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet u tagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa fosthom li tiddikjarah responsabbli ta' komportament illegali versu l-attur; jekk hemm bżonn permezz ta' periti *nominandi* u għalhekk responsabbli għall-ispejjeż konsegwenzjali li l-attur qed ikollu jissaporti fit-trobbija tal-minuri Jolanthe, reġistrata formalment bħala bintu;

Tikkundannah iħallas l-ammont li jiġi likwidat li l-istess konvenut għandu jivversa lill-attur in linea ta' kumpens *de in rem verso* li altrimenti kien ikun rsponsabbli għalihom il-konvenut stess;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Ittrattat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Skond ċertifikat rilaxxjat mir-Reġistru Pubbliku (fol. 15 tal-proċess) fit-18 ta' Frar, 1987 twieldet tarbija lill-konjuġi Bugeja li nghatat l-isem Jolanthe. Id-dikjarazzjoni tat-twelid saret mill-attur li ukoll ta d-dettalji l-oħra kollha li jinsabu fiċ-ċertifikat;

Żmien wara t-twelid tat-tarbija u fuq suspett li din ma kinitx bintu l-attur għamel l-investigazzjoni meħtieġa inkluż it-test magħruf bħala DNA u bħala riżultat qed jallega l-attur il-paternità tiegħu ta' l-imsemmija tarbija ġiet eskluża b'mod posittiv;

Permezz ta' dawn il-proċeduri issa l-attur qed jallega li l-konvenut huwa l-missier naturali tat-tarbija li tnisslet minn relazzjoni amoruża bejn il-konvenut u mart l-attur. L-attur għalhekk qed jitlob li l-konvenut jiġu kkundannat jirriżarċilu dawk l-ispejjeż kollha li hu, bħala l-missier uffiċjalment reġistrat tat-tarbija qed jinkorri għal manteniment u trobbija tagħha;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut preżentata fis-27 ta' Mejju, 1993 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-azzjoni ta' l-attur hija rritwali u insostenibbli għaliex sakemm iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Jolanthe jibqa' juri li l-attur huwa missier l-istess minuri, l-obbligu tal-manteniment u spejjeż oħra konnessi mat-trobbija tal-minuri jibqgħu jinkombu lilu u ma jistax jipproponi kawża bħal din la kontra l-eċċipjenti u lanqas kontra persuna oħra;

Illi fil-meritu l-eċċipjent mhuwiex responsabbli għall-ħlas ta' l-ammont pretiż mill-attur peress illi mhuwiex missier it-tarbija;

Rat id-dikjarazjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-konvenut;

Rat iil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 1993 meta l-Qorti ordnat li l-ewwel tiġi kkunsidrata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni bil-fakoltà tan-noti li ġew preżentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li la darba t-tarbija hija reġistrata f'isem l-attur l-obbligu ta' manteniment jinkombi fuqu kif prevvist mil-liġi. Inoltre, qed jiġi sottomess tali stat ma jistax jibdel inkwantu l-attur ma pprevaliex ruħu mid-dritt mogħti lilu li jiċħad il-paternità tiegħu kif prevvist fl-artikoli 67 sa 77 tal-Kodiċi Ċivili;

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti hija waħda oriġinali u ta' mportanza u l-Qorti trid issib bilanċ bejn dak li huwa uffiċjalment rikonoxxut kif jixhed l-istess ċertifikat tat-twelid u r-realtà tal-fatti. Trid għalhekk tagħmel ġustizzja bejn il-kontendenti filwaqt li żżomm quddiem għajnejha l-interessi partikolari tal-minorenni. Ir-riżoluzzjoni tal-problema taffettwa mhux biss ir-relazzjonijiet pekunjarji ta' bejn il-kontendenti, iżda, f'każ ta' eżitu favorevoli għall-attur, pronunzjament tal-Qorti jolqot direttament u intimament lill-istess minorenni Jolanthe Bugeja inkwantu din tiġi ddikjarat bint il-konvenut;

Ma hemmx dubbju li t-terminu preskritt fl-artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili għall-istituzzjoni ta' proċeduri għal denegata

paternità huwa tassattiv u taht ebda ċirkostanza ma jista' jiġi estiż. L-attur, ghar-raġunijiet maghrufa lilu ma istitwixxa ebda proċeduri sabiex jiċhad il-paternità tieghu tal-minuri fuq imsemmija. Isegwi ghalhekk li quddiem il-liġi u quddiem il-pubbliku in ġenerali, l-attur hu meqjus bhala missier it-tarbija Jolanthe u konsegwentement huwa fid-dmir li jmanti lill-istess tarbija kif provdut fl-artikolu 7 tal-Kap. 16. Dan l-istat legali jiggarantixxi lill-minorenni dak id-dritt ta' manteniment dovut lilha skond il-liġi. Ghalhekk ghal dak li hu nteress pekunjarju tal-minorenni dan ma jistax jiġi preġudikat anke jekk l-attur jirnexxi fit-talba tieghu;

Il-konvenut qed jibbaża l-eċċezzjoni tieghu kontra t-talba attriċi fuq intepretazzjoni stretta ta' dak li tipprovdi l-liġi dwar obbligi tal-missier reġistrat ta' tarbija. Ghalhekk qed isostni li l-kawża hija rritwali u insostenibbli. Kif ġà intqal aktar 'il fuq, il-posizzjoni ta' l-attur, kif tidher miċ-ċertifikat ma tistax tinbidel iżda l-azzjoni ta' l-attur mhux bażata fuq dak li jipprovdu l-artikoli 67 sa 77 tal-Kap. 16. Mill-premessi taċ-ċitazzjoni kif ukoll mit-talba nnifisha jidher li l-attur hu rassenjat li l-obbligu ta' manteniment jinkombi lilu. Li qed jitlob l-attur hu li l-konvenut, bhala missier naturali tat-tarbija jiġi kkundannat jirrifondilu l-ispejjeż tat-trobbija. Din it-talba biex tirnexxi tehtieġ fl-ewwel lok li l-konvenut jiġi ddikjarat li hu missier it-tarbija. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni l-azzjoni taqa' inkwantu l-konvenut ma jistax ikun hati ta' arrikiment indebitu, eżempju li l-missier jkun ittrattah bhal ibnu u li huwa ġie maghruf bhala tali mill-familja;

Bl-istituzzjoni tal-preżenti proċeduri fejn qed jiġi allegat espressament li t-tarbija Jolanthe mhix bint l-attur, kif ukoll bir-riżultati tat-testijiet mediċi li nżammu mill-attur, ma jistax jinghad li l-imsemmija tarbija qed tiġi trattata bhala bint ta' l-attur jew membru tal-familja tieghu. Isegwi ghalhekk li Jolanthe Bugeja ma ghandhiex il-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-

twelid tagħha. Konsegwentement il-prova li toħroġ miċ-ċertifikat tar-Reġistru Pubbliku mhux insindakabbli - ara f'dan ir-rigward **Concetta Conti** ***noe vs*** **Angelo Camilleri** ***et*** Vol. XXXII - II, p. 309 u sentenzi oħra hemm imsemmija;

L-artikolu tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-missier ta' tifel jew tifla illeġittimi li jkunu magħrufin b'uliedu, għandu l-obbligu li jmantnihom u jedukahom skond il-mezzi tiegħu. Tali għarfien jista' jsir fl-att ta' twelid jew b'att ieħor pubbliku. Dan l-obbligu ta' manteniment jinkombi fuq dik il-persuna li tkun ġiet dikjarata b'sentenza tal-Qorti bħal missier it-tarbija;

Għalhekk la darba hemm konflitt bejn iċ-ċertifikat u l-istat tat-tarbija, il-Qorti hija fil-libertà li fil-konfront ta' l-attur jekk mhux il-missier naturali tat-tarbija li *qed tiġi mantnuta* mill-attur. Dan il-punt però huwa mertu tat-tieni eċċezzjoni li mhux qed tiġi eżaminata f'dan l-istadju u li fi kwalunkwe każ tkun tenħtieġ provi inkonfutabbli ta' paternità;

Il-kwistjoni preżenti quddiem il-Qorti tista' tiġi deskritta f'dawn it-termini. Reġistrazzjoni uffiċjali fir-Reġistru Pubbliku ta' paternità ta' tarbija tostakola talba intiża biex jiġi ddikjarat li dik it-tarbija hija bint persuna oħra u mhux bint il-persuna li isimha jidher fuq iċ-ċertifikat;

Il-liġi tipprovdi li filjazzjoni ta' ulied leġittimi tiġi ppruvata bl-att tat-twelid fir-Reġistru Pubbliku jew bir-reġistri tal-parroċċa u ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-istat. Hekk ukoll ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben leġittimu ta' tifel li jkollu pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tiegħu;

Issa pussess ta' l-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn

ġabra ta' fatti li meħudin flimkien jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja. Fost dawn il-fatti nsibu per teżamina (*sic*) l-paternità attwali ta' dik it-tarbija u tagħmel kull dikjarazzjoni meħtieġa fir-rigward;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tal-11 ta' Frar, 1994 għall-kontinwazzjoni";

Din il-Qorti rriproduċiet il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata mhux għax taqbel magħhom imma għaliex jiffaċilitaw il-konsiderazzjoni tal-mertu. Infatti bħala preġudizzjali din il-qorti tqis illi ħafna mill-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fejn dawn jiddipartixxu mill-eżami oġġettiv tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tal-filjazzjoni u tar-rikonoxximent ta' l-ulied u tad-denegata paternità mhumiex sostenibbli fil-liġi. Bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti huma ukoll konsiderazzjonijiet li, jekk jiġu aċċettati bħala interpretazzjoni ġusta ta' l-istat tal-liġi illum, jistgħu jitqiesu bħala li jiffavorixxu element destabbilizzatur ta' dak li huwa aċċettat bħala li għandu jkun it-tessut soċjali bażat fuq il-valur tal-familja li din il-Qorti temmen li għandha tiffavorixxi. Dana mhux biss b'konvinzjoni f'dak li hu soċjalment ta' ġid għat-tisħiħ tal-familja imma ukoll għaliex dan il-valur huwa l-ispirazzjoni ta' l-ordinament ġuridiku li jirregola s-soċjetà f'pajjiżna li jiffavorixxi l-istat ta' leġittimità ta' l-ulied u li jiggarantixxi d-drittijiet u obbligi ta' manteniment, support, u solidarjetà bejn il-membri ta' l-istess familja. Dan ma jfissirx li għandhom jiġu preġudikati jew diskriminati l-ulied illeġittimi u lanqas ma jfisser neċessarjament illi l-istat ta' illeġittimità hu dejjem ta' *preġudizzju għall-minuri jew li ma jistax f'ċerti* determinati ċirkostanzi jiffavorih kif lanqas ma jfisser li mhuwiex dritt fondamentali ta' l-ulied li jkunu jafu min huma l-ġenituri naturali tagħhom u jikkonoxxuhom. Mill-banda l-oħra

l-liġi tirrikonoxxi ulied mwielda fir-rabta taż-żwieġ u ulied oħra mwielda barra minn din ir-rabta. Dawn materji li għad iridu jiġu approfonditi fi żmien opportun meta jinqala' l-każ fid-dawl ta' l-iżvilupp li qed isir f'dan il-qasam u tat-tibdil soċjali li jippreżenta esiġenzi ġodda li jeħtieġ li jiġu affrontati u ġudizzjarjament regolati għall-ġid komuni u fir-rispett tad-drittijiet fondamentali. Ma jispettax però lill-Qrati li jipprovdu dawn is-soluzzjonijiet ħlief safejn dan hu hekk konsentit lilhom in sede Kostituzzjonali jew fil-ħarsien ta' l-istess drittijiet fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja. Sitwazzjoni din li ma tokkorrix fil-każ in eżami fejn l-attur qed jitlob rimedju taħt il-liġijiet ordinarji tal-pajjiż mill-Qrati Ċivili. U f'din is-sede mhumiex konsentiti interpretazzjonijiet ażżardati jew oriġinali li jmorru lil hinn minn dak li l-Kodiċi Ċivili jipprovdi kemm fir-rigward tal-kelma kif ukoll l-ispirtu tal-provvedimenti tiegħu;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konnsiderazzjonijiet:

Il-liġi tammetti tlett azzjonijiet fil-każ ta' filjazzjoni leġittima u r-riċerka tal-paternità ta' l-ulied:

L-azjoni ta' diskonoxximent jew ta' denegata paternità li hi miftuħa lir-raġel dikjarat fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala li hu l-missier ta' tifel (f'dan il-każ tifla) imwieled fiż-żwieġ u dana fil-każijiet tassattivament stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili biex ma jirrikonoxxix it-tarbija li tkun hekk ġiet konċepita matul iż-żwieġ u biex tiġi eskluża l-presunzjoni li dak il-wild kien frott tar-relazzjoni li kellu ma' martu. Azzjoni intiża biex tiġi attakkata l-presunzjoni *juris tantum* li *pater est quae iuste nuptiae demonstrant*. Azzjoni li mhux neċessarjament twassal għad-dikjarazzjoni ta' min hu l-missier naturali tat-tarbija imma li għandha twassal għad-dikjarazzjoni li r-raġel ta' l-omm mhux il-missier;

Il-liġi tiddetermina bi preċiżjoni f'liema ċirkostanzi r-raġel ma jistax jiċħad li jagħraf bħala ibnu lil wild matul iż-żwieġ kif ukoll meta dan jista' jiċħad li jagħrfu bħala tiegħu (artikoli 69 u 70 tal-Kodiċi Ċivili). Tiddetermina ukoll iż-żmien perentorju li fih l-azzjoni ta' denegata paternità għandha ssir u ukoll fil-konfront ta' min għandha tiġi istitwita;

Ir-raġel għandu ukoll il-possibilità - bħal kull persuna li għandha interess - li jattakka l-paternità tat-tifel fiċ-ċirkostanzi speċifiċi li huma preċiżati fl-artikoli 76 u 77 tal-Kodiċi Ċivili f'każ li dan ikun twieled 300 ġurnata wara li ż-żwieġ ikun maħlul u annullat jew jekk jipprova illi fiż-żmien bejn it-300 ġurnata u l-180 ġurnata qabel it-twelid tat-tifel ir-raġel kien fl-impossibbilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha;

"Il-Kodiċi Ċivili tagħna jikkontempla tliet xorta ta' azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali dik ta' denegata paternità, dik ta' impunjazzjoni tal-leġittimità tat-tifel u dik tat-tfittxija ta' paternità ... <u>Din l-aħħar azzjoni msemija hija mogħtija biss lit-tifel</u> (Vol. XXXVI, pt. I, p. 1);

L-ewwel azzjoni hija mogħtija biss lir-raġel ta' omm it-tifel waqt li hi miftuħa ukoll għal dan it-tieni azzjoni li hi disponibbli għal kull min għandu interess - allura kemm lil terzi persuni kif ukoll lil omm u lill-istess tifel;

Issa fil-każ in eżami hu paċifiku illi l-attur għal raġunijiet tiegħu għażel li ma jużufruwiex minn ebda waħda mill-azzjonijiet miftuħa għalih biex jiċħad il-paternità tal-minuri li twieldet *waqt iż-żwieġ tiegħu ma' martu*. Il-minuri ġiet reġistrata fuq ismu bħala missier leġittimu tagħha bla ebda riserva u *ex admissis* ukoll għar-raġunijiet personali tiegħu qiegħed irabbiha bħala li kienet bintu u wild leġittimu tiegħu;

Issa fil-verità l-liġi ma tippermettix li dan l-istat ta' leġittimità jitpoġġa fid-dubbju una volta l-missier għażel it-triq li ma jiddiskonoxxix it-tarbija. Din hi bintu leġittima għal kull fini u effett tal-liġi u ma għandu bl-ebda mod jiġi permess illi jiġi allegat mod ieħor fi proċeduri promossi mir-raġel ta' omm it-tarbija u wisq anqas li jinġiebu provi f'dan ir-rigward. Il-liġi tagħti r-rimedji proprji u adegwati biex tiġi denegata l-paternità jew anke kontestata l-leġittimità imma una volta l-azzjoni tentata mill-attur ma tinkwadrax ruħha f'waħda mill-azzjonijiet li l-liġi tpoġġi a disposizzjoni tiegħu u una volta l-azzjoni mhix immirata għad-dikjarazzjoni ta' l-istat ta' illeġittimità tat-tarbija l-ebda prova ma għandha titħalla ssir li tista' titfa' l-iċken ombra fuq il-leġittimità preżunta tagħha. Preżunta għax il-liġi ġustament tippresupponi illi r-raġel ta' omm it-tarbija mwielda fiż-żwieġ regolarment kontrattat bejniethom hu misierha. Dan il-*vetitum* li ma jiġix kontestat l-istat ta' leġġitimità jekk mhux fl-azzjoni proprja, l-liġi tagħmlu fl-interess suprem tal-minuri u l-Qorti jeħtiġilha tosservah *ad unguem* billi hu wieħed ta' ordni pubbliku;

Hi għalhekk inaċċettabbli l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi hi kienet fil-libertà li teżamina l-"paternità attwali" tat-tarbija u li tagħmel kull dikjarazzjoni meħtieġa fir-rigward għax qieset li kien hemm konflitt bejn iċ-ċertifikat tat-twelid u l-istat tat-tarbija. Apparti li ma jirriżultax għal din il-Qorti dan il-konflitt bħala fatt għax se mai hu ppruvat li ċ-ċertifikat ta' bint leġittima hu konformi ma' l-istat tat-tifla li qed tiġi mrobbija bħala tali mill-ġenituri preżunti leġittimi tagħha, l-ebda Qorti ma għandha l-libertà li tiddelibera fuq materja ta' paternità b'xi sens ta' ekwità jew anke ġustizzja li jmur oltre dak li l-liġi strettament tipprovdi. L-interess suprem tal-minuri hu dak li l-liġi tiġi strettament u skrupolożament applikata għax hekk biss tiġi assigurata ċ-ċertezza ta' l-istat ċivili tiegħu;

Il-qofol ta' l-azzjoni tentata mill-attur hi li dan - mingħajr

ma jattakka l-istat leġittimu tat-tarbija, bla ma jiċħad il-presunzjoni legali tal-paternità tagħha - qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-konvenut hu responsabbli ta' komportament illegali versu lejh. Dikjarazzjoni din li l-Qorti sinċerament ma tifhimx. Ma tarax x'tort legali l-attur seta' jippretendi li għamillu l-konvenut. Żgur li l-konvenut mhux ħati ta' delitt jew kważi-delitt jekk kellu jiġi ppruvat li kkommetta adulterju ma' martu li minnu suppost li twieldet it-tarbija. Dan hu llum statutorjament eskluż. Jekk xi ħadd naqas lill-attur legalment din se mai kienet martu u kienet hi li fil-liġi setgħet tkun passabbli għas-sanzjonijiet ċivili u dekandenzi minħabba l-komportament inaċċettabbli tagħha. Il-komportament tal-konvenut jista' jkun moralment oġġezzjonabbli imma ċertament mhux wieħed illegali. Del resto anke kieku l-Qorti kellha b'xi mod tissimpatizza ma' l-attur u taċċetta t-teżi legalment insostenibbli tiegħu, l-attur kellu kull rimedju disponibbli għalih biex jevita d-danni pekunjarji li qed jillamenta minnhom u li qed jirreklama f'din il-kawża. Hu kellu kull opportunità li jaġixxi biex jiċħad il-paternità tat-tarbija u anke biex *jistabbilixxi li l-konvenut kien il-missier naturali tagħha.* Dana b'waħda mid-diversi azzjonijiet li l-liġi tipprovdilu kif fuq konsidrat basta din issir fil-forma u fit-terminu stabbilit. Jekk dan għażel li ma jagħmlux, l-attur irid neċessarjament ibati konsegwenzi ta' l-għażla tiegħu u ma jistax idur fuq il-konvenut biex jagħmillu tajjeb għall-inadempjenza tiegħu. Mhux minnu allura kif jippremetti l-attur fit-talbiet tiegħu illi hu ġie mqiegħed fl-obbligu li jmanti l-imsemmija minuri. Għal kuntrarju l-liġi tatu d-dritt li proprju jevita dak l-obbligu basta - fl-interess ta' l-istess minuri - hu jaġixxi tempestivament u konformament mat-termini stabbiliti fil-liġi. Ħaġa li hu *konxjament u volutament ma għamilx u ma riedx jagħmel.* L-attur mhux biss ried li jżomm lit-tifla bħala wild leġittimu tiegħu imma jrid ukoll li jġiegħel lill-konvenut, li skond hu huwa missierha imma li l-liġi ma tippermetti l-ebda prova dwar dan f'azzjoni ta' din ix-xorta, li jmantniha u jieħu ħsiebha.

Xenarju għal kollox surreali, legalment insostenibbli u noċiv għall-istabbilità ta' l-istitut tal-familja;

L-Ewwel Qorti għalhekk ma kinitx korretta fil-konsiderazzjonijiet tagħha li taw speranza lill-attur li l-azzjoni minnu tentata setgħet serjament tiġi kkunsidrata;

Hu ukoll inaċċettabbli l-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata li jista' jeżisti xi obbligu ta' manteniment fuq il-missier naturali fir-rigward ta' "persuna li tkun ġiet dikjarata b'sentenza tal-Qorti bħala missier it-tarbija" fil-każ fejn tali dikjarazzjoni ssir mhux fil-kuntest ta' azzjoni li tiddikjara l-paternità illeġittima ta' l-istess tarbija. Il-Qorti, ma tistax *sua sponte* tindaga dwar il-paternità ta' tarbija bla ma jkun hemm talba *ad hoc* f'kawża tentata taħt xi waħda mill-azzjonijiet prevvisti mill-Kodiċi Ċivili fuq elenkati ta' denegata paternità jew tal-kontestazzjoni ta' leġittimità jew ta' riċerka ta' paternità. Talba li fil-każ in eżami ma hemmx. Jekk il-Qorti tindaga f'dawn iċ-ċirkostanzi u fit-termini ta' l-azzjoni kif proposta dwar il-paternità tal-minrui jew anke taċċetta li tpoġġi fid-dubbju l-istat leġittimu tagħha, hi tkun qed tikkrea forma ta' azzjoni oħra u ġdida fejn l-istat tal-minuri jista' jiġi kontestat u dan ċertament mhux permess bil-liġi f'materja li ovvjament u fuq kollox hi ta' ordni pubbliku;

Jingħad finalment li dan kollu ma jfissirx li l-minuri ma għandha l-ebda rimedju biex tistabbilixxi l-veru paternità tagħha. Kif ingħad dan id-dritt jibqa' dejjem miftuħ għall-istess minuri u hu hawn li l-liġi tħares il-veru interess tal-wild illeġittimu li jrid jikkontesta l-istat leġittimu tiegħu:

*"L'inazione invero del marito nel promuovere l'azione di denegata paternità nel caso in cui questa gli compete, non dovrebbe ragionevolmente priare il figlio del diritto di*

*reclamare il suo vero stato poichè non si puo immaginare che il legislatore abbia inteso di fare dipendere tale diritto del figlio dalla volontà dal marito ad esercitare o rinunziare a quell'azione onde in realtà competere rendendo cosi instabile ed incerto lo stato del figlio*" (Vol. XXII, pt. I, p. 177);

Konsidrat li dan l-insenjament jinsab f'sentenza ta' l-1914, hu ta' sodisfazzjoni li jiġi rreġistrat li l-leġislatur nostran la kien retrogradu u lanqas konservattiv fil-protezzjoni ta' drittijiet ta' l-ulied leġittimi jew illeġittimi u ried jippreservalhom il-jedd sħiħ li jaċċertaw l-istat veru tagħhom. Ġustament però tali dritt kien ċirkoskritt fil-każ tar-raġel ta' omm it-tifel u dan fl-interess ta' l-istabbilità tat-nukleu familjari u taċ-ċertezza ta' l-istat ta' leġittimità preżunta ta' l-ulied mitwielda waqt żwieġ ġustament kontrattat. Insenjament li għadu sal-lum aktar minn validu u jirrifletti l-istat attwali tal-liġi;

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hi allura sostnuta u għandha tiġi milqugħa. L-obbligu tal-manteniment u spejjeż oħra konnessi mat-trobbija jibqa' jinkombi fuq l-attur sakemm ma tiġix kontestata b'suċċess il-paternità tiegħu u dana b'xi waħda mill-azzjonijiet previsti mil-liġi. Materja din li ma tifformax il-mertu ta' din il-kawża;

Mhux għalhekk meħtieġ li din il-Qorti tinoltra ruħha f'konsiderazzjoni fit-tul li tkun fil-verità inutili dwar jekk l-attur setgħax jittanta l-azzjoni li ppropona taħt is-sura ta' l-*actio de in rem verso*. Anke mill-konsiderazzjonijiet fuq magħmula għandu jkun aktar minn evidenti li l-premessi ma jissodisfawx l-elementi ta' din l-azzjoni. Apparti li l-azzjoni *de in rem verso* hi rrikonċiljabbli ma' azzjoni għal-likwidazzjoni ta' danni kif tentata mill-attur f'din l-azzjoni, ġie ritenut illi:

"L-azzjoni *de in rem verso* hija konċessa fil-każijiet meta

l-azzjoni *ex contracto* mhix esperibbli u għandha fondament u l-limiti tagħha fil-vantaġġ li terza persuna takkwista fin-nuqqas ta' dan il-vantaġġ l-azzjoni ma tistax tiġi esperita u kwindi l-elementi għas-suċċess ta' din l-azzjoni huma:

Li ħaġa li tkun ġiet versata jew li tkun għaddiet fil-patrimonju ta' ħaddieħor, tirriżulta ta' vantaġġ u utilità tiegħu;

Li dak il-passaġġ tal-ħaġa (versjoni) jkun sar b'titolu lukrattiv u

Li min jirċeviha jkun sar aktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu" (Vol. XXXIX, pt. II, p. 764);

Hu ovvju li fil-każ in eżami bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-konvenut arrikkixxa ruħu a *skapitu* ta' l-attur - anke jekk jiġu aċċettati bħala pruvati l-premessi tiegħu - għaliex fil-liġi l-konvenut ma għandu u ma jistax ikollu ebda obbligu fir-rigward tal-minuri li jirriżulta li hu l-iben leġittimu ta' l-attur. Għal kuntrarju hu l-istess attur li għandu dawn l-obbligu u kull versament li jagħmel fl-interess tal-minuri jkun qed jagħmlu proprju għax hu hekk obbligat bil-liġi li jagħmel. L-element ta' l-arrikiment hu għalhekk għal kollox estraneu għar-relazzjonijiet ġuridiċi eżistenti jew non-eżistenti bejn il-kontendenti:

"L-azzjoni *de in rem verso* hija rimedju sussidjarju li huwa estiż għall-każijiet kollha fejn tkun avverrat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħaddieħor. Dina azzjoni li għandha l-fondament tagħha fil-vantaġġ li jkun ġie rekat lit-terz u hija esperibbli fejn mhijiex esperibbli l-azzjoni *ex contractu*. Fejn jonqos l-element ta' vantaġġ mhijiex esperibbli l-azzjoni *de in rem verso*"; (Vol. XXXIII, pt. I, p. 447);

Dan l-element ta' vantaġġ fil-każ in eżami manifestament ma jokkorrix legalment fil-kuntest tan-nuqqas ta' obbligi tal-konvenut fil-konfront tal-minuri. Il-posizzjoni hi għal kollox differenti milli kieku kien il-każ ta' ħlas għall-manteniment li kien qed isir mill-omm u li tippretendi r-rimbors tiegħu mingħand il-missier naturali:

"Għalhekk l-omm li bħala obbligata sussidjarja mantniet lit-tifel għandha rigress kontra l-missier fil-miżura ta' l-elementi akkordati fis-sentenza li ddikjarat il-paternità naturali in forza ta' l-azzjoni *de in rem verso* u dana mhux biss għall-alimenti li tkun tat lit-tifel mid-data tas-sentenza imma ukoll mid-data ta-twelid tiegħu" (Vol. XXXIX, pt. I, p. 468) (ara ukoll dwar l-element tas-sussidjarjetà f'din l-azzjoni Vol. XXXIII, pt. I, p. 447 u Vol. XXIX, pt. I, p. 812) "*L'actio de in rem verso è un mezzo speciale, particolare, sussidiario, che si accorda in mancanza di altra tutela, quando al danneggiato non compete altro rimedio dipendente dal contratto o quasi contratto*" **Tonna *vs* Cachia Zammit**, Appell 32 ta' Mejju, 1924);

Fil-każ in eżami però la hemm id-danneġġjat għaliex kif ingħad l-attur ma jistax fil-liġi jiġi ritenut li sofra xi danni minħabba l-presunzjoni legali ta' paternità li hu seta' kieku ried u kieku l-fatti kienu kif qed jippretendi, jeħles minnha u lanqas hemm l-obbligat billi kif ingħad il-konvenut mhu bl-ebda mod tenut taħt xi obbligu legali li jmantni lil minuri;

Anke taħt dan l-aspett allura l-azzjoni attriċi hi għal kollox insostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-appell tal-konvenut qed jiġi milqugħ, is-sentenza appellata qed tiġi revokata u t-talbiet attriċi huma miċħuda fil-mertu. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-

ċirkostanzi partikolari tal-każ għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.